**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 28 TA' GUNJU, 2002**

**Avviz Nru: 12381/02 AJD.**
**Dix Computers Limited**

**vs**

**F.A.M.A Supplies and Sservices Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Mejju, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u erbatax il-lira Maltin (Lm214.00), rappresentanti prezz ta' servizzji u tiswijiet fuq 'computers' tas-socjeta' konvenuta u prezz ta' 'monitors mibjugha mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Alan Grima, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ mitejn u erbatax il-lira Maltin (Lm214.00, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**